# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

FRAR 2019 – Ħarġa Nru: 167




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

# VERU LI NGĦIDU DWARHOM...?!

Kemm-il darba nisimgħu l-espressjoni li ż-żgħażagħ tal-lum ma jridux jafu b'sagrifiċċju! Il-ħajja li jgħixu, ix-xiri, l-ilbies, il-karozzi, is-safar, id-divertiment u dak kollu li llum sar assoċċjat maż-żgħożija, jista' jwassalna biex naħsbu hekk. Imma jekk inħarsu sew lejn il-ħajja taż-żgħażagħ tagħna nindunaw li jafu jagħmlu sagrifiċċju f'dawk l-oqsma li jarawhom imporatnti għalihom. U dan jagħmluh sew!

* Jekk idaħħlu f'moħħhom li jagħmlu karriera, jafu li jridu jistudjaw u kapaċi jwarrbu kull divertiment u ħruġ ieħor ħalli jgħaddu mill-eżamijiet meħtieġa;
* Jekk jinkitbu f'xi gym, f'xi club sportiv jew f'xi maratona, lesti jissagrifikaw il-ħin liberu tagħhom biex jirnexxu;
* Biex jiddevertu fi tmiem il-ġimgħa, meta jafu li għad m'għandhomx paga fissa, jonfqu dak biss li hu essenzjali biex imbagħad igawdu ma' sħabhom.

**Għan li jintlaħaq**

Jigifieri l-bniedem hu min hu, kapaċi jagħmel kull sagrifiċċju biex jilħaq l-għan li jfassal għalih hu. Inutli li lill-adolexxenti li jkunu qed jistudjaw jew jaħdmu tgħidilhom biex ifaddlu biex 'il quddiem jixtru l-post jew biex jaħsbu għal dak li jista' jinqala'. La dawk l-għanijiet ikunu għadhom 'l bogħod minnhom, ftit li xejn jinkwetaw għalihom! Tajjeb għalhekk nifhmu li minflok ma liż-żgħażagħ tagħna ngħaddu ġudizzju fuqhom, nakkumpanjawhom ha nifhmuhom aħjar.



Il-problema llum, tidher li hi, li bniedem irid ifassal l-għanijiet tiegħu hu. Irid ikollu għanijiet validi u ċari biex jaħdem għalihom, inkella ma jagħmel l-ebda sagrifċċju bla bżonn. Dan jidher imbagħad fil-ħajja tagħna f'oqsma oħra bħal fil-ħajja miżżewġa, fil-business, fix-xogħol, fit-tħaris jew it-tkissir tal-ambjent, fl-għixien tal-fidi tagħna... U ż-żgħażagħ tagħna huma prodott ta' din is-soċjetà.

**Għaliex 'il bogħod?**

Fiċ-ċensiment tal-quddies li sar f'Diċembru 2017, jidher li persentaġġ sew ta' żgħażagħ ma jattendux quddies tal-Ħadd. Dan huwa fatt li konna diġà nafuh u biċ-ċensiment ikkonfermajnih. Ikun hemm diversi raġunijiet għal dan iżda l-akbar tnejn jistgħu ikunu (a) iż-

żgħażagħ biex juru li qed jemanċipaw ruħhom, jibdew jinqatgħu minn kull istituzzjoni li jkollha xi dell ta' tnaqqis tal-libertà tagħhom, fosthom il-Knisja (b) jaħkmuhom id-dubji għax jippretendu li la l-fidi ma tistax tmissha u tarha, allura m'hemmx bżonnha fil-ħajja.

Nagħmel appell lil dawk iż-żgħażagħ li għadhom jaraw sens fil-quddiesa tal-Ħadd u li għadhom imrobbijin fl-għożża tal-familja, biex ma jabbandunawx dak li ġew imrobbijin fih. Inħeġġiġhom ifittxu risposti għad-dubji tagħhom, jissieħbu fi gruppi apposta għalihom li jgħinuhom jikbru kemm fuq livell uman kif ukoll f'dak spiritwali.

**Esperjenzi li jibnu**

Kemm-il darba ħeġġiġt liż-żgħażagħ biex allanqas, darba f'ħajjithom jagħmlu esperjenza ta' volontarjat anke barra minn Malta. Dan iwassalhom biex joħorġu mill-kumdità ta' dar il-ġenituri tagħhom u jiffaċċjaw ftit l-iebes tal-ħajja. Meta jiġu wiċċ imb'wiċċ mar-realtà, jibdew japprezzaw aktar it-tajjeb li hemm fihom u t-tajjeb li huma mdawrin bih!

Meta jiġu lura mill-esperjenza, jibdew anke jqegħdu l-prijoritajiet tagħhom f'posthom u b'hekk jaslu biex jilħqu aktar il-milja ta' ħajjithom. Nagħmel appell lil dawn iż-żgħażagħ biex minkejja r-restrizzjonijiet li għandhom bl-istudju, sports, xogħol u mpenji oħra, jersqu l-quddiem fil-parroċċa ħalli jinħassu. Dan jistgħu jagħmluh billi jagħtu sehmhom f'diversi oqsma għall-bini tal-komunità nisranija tagħna. Il-preżenza tagħhom tqawwina bit-tama.

***Dun Evan***

---

# IT-22 TA' FRAR

## Xi tfisser il-Festa tal-Katedra?

Min daħal fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, jew ra xi ritratti, induna li fuq in-naħa ta' wara, hemm "siġġu" jew katedra kbira tal-bronż indurat merfugħ minn erba' Isqfijiet jew Santi Padri (Missirijiet il-Knisja – tnejn mill-punent u tnejn mill-lvant). Fuqu, mdawwar b'raġġiera kbira tal-bronz, tidher



il-ħamiema tittajjar fuq il-ħġieġ tat-tieqa ovali – simbolu tal-Ispirtu s-Santu. Din il-meravilja ta' prospettiva hija xogħol tal-magħruf Gianlorenzo Bernini li ħoloq ħafna xogħol artistiku fl-istess Bażilika u fil-belt ta' Ruma.

Fit-22 ta' Frar – jum il-festa tal-Katedra ta' San

Pietru, din il-katedra tkun imdawwra b'ħafna xemgħat jixgħelu. Il-kelma "katedra" li minnha ġejja l-kelma "katidral", tfisser il-post minnfejn il-Papa jew l-isqfijiet, iwasslu t-tagħlim tagħhom – għalkemm il-katidral tal-Papa bħala l-Isqof ta' Ruma mhux San Pietru iżda l-Arċibażilika ta' San Giovanni in Laterano. Wieħed mill-uffiċċji l-aktar importanti tal-Isqfijiet huwa dak tat-*tagħlim* li huma fid-dover iwasslu kontinwament lil dawk afdati fil-kura tagħhom. Fil-fatt, f'jum l-ordinazzjoni tagħhom, l-isqfijiet isirulhom sett ta' disa' mistoqsijiet fosthom, jekk humiex lesti jxandru bla heda l-Evanġelju u li jħarsu t-tagħlim tal-Knisja li ilu ġej minn żmien l-Appostli – dak li jissejjaħ id-*depositum fidei* jew id-depożitu tal-fidi li wasal għandna matul is-sekli.




## Wegħda

Fit-22 ta' Frar, aħna mhux biss inkunu qed nagħmlu festa lill-Katedra ta' San Pietru jew, il-katedra li minnha l-Papa bħala s-Suċċessur ta' Pietru jwasslilna t-tagħlim tiegħu, imma nkunu qed nwegħdu li aħna se nibqgħu marbutin mal-istess tagħlim. Il-Papa, bħala kap tal-Knisja Kattolika, jista' jwasslilna t-tagħlim tiegħu kemm permezz ta' dak li jissejjaħ il-Maġisteru Straordinarju bħal meta jiddikkjara xi domma ta' Fidi jew waqt Konċilju kif ukoll, permezz tal-Magisteru Ordinarju – bit-tagħlim normali li hu jwasslilna fl-enċikliċi, eżortazzjonijiet, omeliji, diskorsi u oħrajn.

## Ġesti partikolari

Ħafna minna għandhom ammirazzjoni kbira għall-mod kif jitkellem u jaġixxi l-Papa Franġisku, iżda tajjeb insaqsu jekk aħniex nippruvaw inwettqu u ngħixu dak li jgħallimna bil-kelma u bil-ġesti tiegħu. Kif nafu, l-ewwel enċiklika tiegħu ma kitibhiex dwar xi punt dottrinali iżda dwar l-ambjent. Dan ifisser li l-Kattoliċi huma obbligati jagħtu importanza kbira lill-ambjent u lill-klima għax huma parti mill-ħolqien t'Alla. L-ewwel vjaġġ tiegħu barra minn Ruma kien fil-gżira ta' Lampedusa fejn kienu qed jintlaqgħu ħafna immigranti. B'dan il-ġest, il-Qdusija Tiegħu ried jgħallimna nilqgħu lill-barranin fostna bħal xbieha t'Alla u mhux inkunu razzisti. Ħaseb biex f'Jum il-Foqra, li bdieh hu stess, jiekol ma' mijiet ta' nies skartati jew imwarrba mis-soċjetà biex jurina li l-fqar għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-ħsieb u l-ħidma tagħna u mhux fit-tarf. Huwa ta struzzjonijiiet lill-Elemożinier tiegħu (id-delegat tal-karitajiet tal-Papa), biex jipprovdi laundry, showers, kutri u barbiera lil dawk in-nies li jorqdu barra fl-inħawi tal-Vatikan.

## Iwassal sinjal

B'dawn il-ġesti u oħrajn bħalhom, Franġisku qed jurina li fqar u l-imwarrbin m'għandhomx jibqgħu jiġu skartati iżda mgħejjuna sabiex jgħixu l-ħajja tagħhom b'mod aktar dinjituż.

Ejjew, barra li nammirawh u niggustawh, nisimgħu t-tagħlim profond tiegħu u jkollna l-istess ħsieb u nwettqu l-stess ġesti li jwettaq hu favur dawk imwarrbin u emarġinati. B'dan il-mod, il-Festa tal-Katedra ta' San Pietru tagħmel aktar sens!

## NILTAQGĦU NHAR … FRAR 2019

**Ġimgħa 1**: *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Għall-quddiesa tas-6.00pm jkunu preżenti l-membri tal-Kunsill Lokali fl-okkażjoni ta’ *Jum Ħaż-Żabbar*.
**Sibt 2**: *Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju* – il-Kandlora. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t’Alla bil-Magħmudijiet. Fis-6.15pm tberik tax-xemgħa, purċissjoni fil-knisja u Konċelebrazzjoni. Billi taħbat *Jum il-Ħajja Konsagrata* huma mistiedna t-tlett komunitajiet tar-reliġjużi nisa tal-parroċċa.
**Ħadd 3: Ir-Raba’ Ħadd tas-sena**
**Tnejn 4**: Tifkira O ta’ Sant’Agata, vm (sek.3)
**Erbgħa 6**: Tifkira O ta’ San Pawl Miki u sħabu, martri tal-Ġappun (+1597)
**Sibt 9**: Tifkira O ta’ Santa Skolastika, Verġni (480-547)
**Ħadd 10: Solennità tan-Nawfraġju ta’ San Pawl f’Malta**
**Tnejn 11**: Tifkira tad-dehra tal-Madonna f’Lourdes. Billi jaħbat ukoll *Jum il-Morda*, il-Kavallieri tal-Ordni ta’ San Ġwann iġibu numru ta’ morda fis-santwarju għall-quddiesa tas-6.00pm.
**Ħamis 14**: Festa ta’ San Ċirillu, raħeb u San Metodju isqof – patruni tal-Ewropa (sek.9)
**Ħadd 17: Is-Sitt Ħadd tas-sena**
**Ġimgħa 22**: *Festa tal-Katedra ta’ San Pietru Appostlu*. Illum nitolbu b’mod speċjali għall-Q.T. il-Papa u nwegħdu li nibqgħu magħqudin miegħu fit-tagħlim li jwasslilna.
**Sibt 23**: Tifkira O ta’ San Polikarpu, martri (70–155). Fit-8.00pm quddiesa għall-immigranti Kattoliċi fil-kappella tal-Lunzjata.
**Ħadd 24**: **Is-Seba’ Ħadd tas-sena**. Fl-10.00am l-ewwel **seminar** għall-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-Griżma tal-Isqof dis-sena.

## PROGRAMM TA’ ĦADD IN-NIES, 2019



**Marzu**

**Ġimgħa 8**: Fit-8.00pm konċelebrazzjoni fil-knisja parrokkjali ta’ Wied il-Għajn. Wara, **mixja għall-karità** akkumpanjata mill-kwadru pellegrin tal-Madonna tal-Grazzja sas-santwarju tagħha, fejn issir ċelebrazzjoni Marjana u tingħata qima lil Ġesù Kurċifiss.
**Sibt 9**: Fis-6.15pm quddiesa u preżentazzjoni tar-reffiegħa (iġibu l-kunfratija magħhom) fis-santwarju. Mistiedna l-familjari tagħhom.
Bejn id-9.00pm u l-10.15pm **VELJA** ta’ lejlet Ħadd in-Nies (kant tas-salmi, purċissjoni *aux flambeaux*, Kompieta, u celebrazzjoni Ewkaristika). Ikun hemm konfessuri apposta għall-qrar għar-rebħ tal-Indulġenza Plenarja marbuta mal-pellegrinaġġ tal-għada.
**Ħadd 10**: **L-Ewwel Ħadd tar-Randan u Ħadd in-Nies**. Fl-4.15pm l-ewwel Pellegrinaġġ Djoċesan tar-Randan akkumpanjat bil-vara tal-Madonna tal-Grazzja. Fid-dħul, għas-6.00pm konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċisqof ta’ Malta.

**ENVELOPES GĦALL-OFFERTI**

Ma’ din il-ħarġa qed tirċevu envelope fil-bidu tas-sena għall-offerta tagħkom għas-santwarju u l-parroċċa. Grazzi ħafna tal-għajnuna tiegħek u tal-familja. *L-Arċipriet*.